**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 3 ta' Diċembru, 2019

Rikors Numru: 290/19 AL

**AB** u **CB**

vs

**X**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors konġunt li gie kkonfermat bil- ġurament miż-żewġ partijiet u li permezz tiegħu ippremettew:

1. Illi r-rikorrenti iżżewġu fit-12 ta' Mejju 2006 (kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ hawn mehmuż u mmarkat "A") u minn dan iż-żwieġ ma twieldux tfal.
2. Illi aktar minn ħames snin ilu il-kontendenti infirdu minn xulxin billi kull parti marret tgħix separatament mill-oħra u inoltre iffirmaw

kuntratt ta’ separazzjoni tal-beni fis-27 t’ Ottubru 2015 skond ma jirriżulta mill-kopja hawn annessa- Dokument B.

3. Illi ma hemm ebda prospett ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-kontendenti;
4. Illi r-rikorrenti iħossu li għandhom jaqtgħu kull rabta minn ma’ xulxin u jixtiequ li jużufruwixxu ruħhom minn dak li jipprovdi is-subtitolu IV tat-Titolu 1 tal-Ewwel Ktieb tal-Kodiċi Ċivili (kif ġie emendat bl-effetti tal-Att XIV tas-sena 2011) u allura li jiddivorzjaw minn xulxin b’ mod li kull legam bejniethom jinqata’ darba għal dejjem.
5. Illi il-mara tixtieq tirriverti ruħha għal kunjomha ta’ xbubitha “Schembri” u ir-raġel jiddikjara li ma jsib ebda oġġezzjoni għal dan.
6. Illi l-partijiet huma it-tnejn residenti u domiċiljati hawn Malta.

Talbu lil-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-kontendenti għal raġunijiet fuq mogħtija u ċioe li ilhom jinsabu separati legalment għal aktar minn erba’ snin u peress li ma hemm ebda possibilita’ ta’ rikonċiljazzjoni bejniethom u
2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex fi żmien stabbilit minn din il-Qorti javża ld-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet sabiex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku.
3. Tordna illi il-mara tirriverti għal kunjomha ta’ xbubitha u ċioe li jsir “Schembri”- kollox skond kif intqal fuq u għar-raġunijiet fuq premessi.

Bl-ispejjeż li jiġu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat id-digriet tagħha tal-25 ta’ Lulju, 2019;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom jghixu separati minn xulxin ghal aktar minn erba` snin u ffirmaw il-kuntratt ta' separazzjoni tal-beni fis-27 ta' Ottubru, 2015;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qegħda:

Tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Tilqa` it-talba ta' Krista Spiteri sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha u cioe` "Schembri" u tordna notifika ta' dan id-digriet lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku għall-azzjoni meħtieġa;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.

| | |
|---|---|
| Dr Abigail Lofaro | Rita Vella Baldacchino |
| Imħallef | Deputat Reġistratur |